MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Mandat Numru. 680/2015/1

Michael **PSAILA**

vs

**L-AWTORITA' DWAR IL-MEDIĊINI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' April, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lill-Awtorita' intimata milli "tapprova kwalsijasi applikazzjoni għal liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija ġdida ġewwa l-villaġġ ta' Marsaxlokk qabel ma tiġi deċiża l-kawża pendenti fl-ismijiet '*Michael Psaila vs L-Awtorita' dwar il-Mediċini et*'" pendenti quddiem din il-Qorti[1];

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' April, 2015, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-Awtorita' intimata bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-14 ta' Mejju, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fit-30 ta' April, 2015, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet għat-talba tar-rikorrent billi qalet li ma hemmx il-kundizzjonijiet li trid il-liġi sabiex tista' tintlaqa' t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat. Żiedet tgħid li skond l-Att tal-2003 dwar il-Mediċini, liċenza għal ftuħ ta' spiżerija tingħata mill-Awtorita' dwar il-Liġenzjar u mhux mill-Awtorita' intimata u għalhekk ukoll it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma messhiex saret kontra tagħha;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-Awtorita' intimata waqt is-smigħ tal-14 ta' Mejju, 2015, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref avukat difensur tal-Awtorita' intimata li biha ma baqgħetx tinsisti aktar li l-Awtorita' intimata ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tat-talba tar-rikorrent;

[1] Rik. Nru. 102/15JRM

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2015, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li l-Awtorita' intimata ma tipproċessa jew toħroġ l-ebda liċenza ġdida favur ħaddieħor għal spiżerija oħra f'Marsaxlokk qabel ma l-Qorti tisma' u taqta' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju li huwa fetaħ kontra l-istess Awtorita' dwar talba li huwa kien għamel biex tinħariġlu liċenza għal ftuħ ta' spiżerija fl-istess raħal;

Tqis li l-ftuħ ta' spiżeriji ġodda li tista' tinħarġilhom liċenza f'belt jew raħal jiddependi mill-għadd ta' nies li jgħixu f'tali belt jew raħal[2] u ma jkunux jinsabu f'bogħod ta' anqas minn tliet mitt metru bil-pass minn xulxin, ukoll jekk jinsabu fi bliet jew irħula differenti[3], imma dik ir-regola ma tgħoddx għal dawk l-ispiżeriji li kienu diġa' miftuħin u liċenzjati qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolamenti;

Tqis li f'Diċembru tal-1995, ir-rikorrent kien ressaq talba biex jingħata liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija ġdida f'fond ġo Marsaxlokk, iżda baqa' ma sema' xejn aktar min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti sa ħmistax-il (15)

[2] Reg. 4(2) tal-A.L. 279/07
[3] Reg. 4(1) *proviso* tal-A.L. 279/07

sena wara meta l-Awtorita' intimata bagħtet tistaqsih jekk kemm-il darba kienx għadu interessat fit-talba li kien għamel;

Tqis li r-rikorrent kien wieġeb li kien għadu interessat fit-talba, iżda ġara wkoll li, sadattant, hu ma kienx għadu jżomm il-post li dwaru, fl-1995, kien talab il-ħruġ tal-liċenza, iżda kien kiseb post ieħor;

Tqis li, wara li kien ġab il-permessi ta' żvilupp mill-awtorita' kompetenti f'April tal-2014, l-Awtorita' intimata bagħtet tgħarraf lir-rikorrent b'ittra tas-7 ta' Awwissu tal-2014 li t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' liċenza għal spiżerija ġdida ma kenitx sejra tintlaqa' għaliex il-permessi ta' żvilupp li nħarġu favurih kienu dwar post li ma kienx l-istess wieħed li dwaru kien ressaq it-talba tiegħu fl-1995;

Tqis li fl-4 ta' Frar, 2015, ir-rikorrent fetaħ kawża kontra l-Awtorita' intimata quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi taċ-ċaħda tat-talba tiegħu u, wara li nfetħet il-kawża, sar jaf li l-Awtorita' kienet qiegħda tikkunsidra talba minn ħaddieħor dwar għoti ta' liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija f'Marsaxlokk ukoll;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[4];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux

[4] Art. 873(1) tal-Kap 12

soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[5]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[6];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[7]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[8], disaġju jew tħassib;

---

[5] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[6] Art. 875(3) tal-Kap 12
[7] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[8] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu jistrieħ ir-rikorrent huwa dak li jara li sakemm il-pretensjonijiet dedotti minnu fil-kawża li fetaħ kontra l-Awtorita' intimata jkunu ġew mistħarrġa u ngħatat deċiżjoni dwarhom, ma jsir xejn li bih dak l-istħarriġ jinġab fix-xejn;

Tqis li l-pretensjoni fiha nnifisha ta' stħarriġ ġudizzjarju hija jedd li l-liġi tagħti lil kull persuna dwar deċiżjonijiet (jew nuqqas ta' deċiżjonijiet) meħuda mill-amministrazzjoni pubblika jew xi egħmil amministrattiv ieħor li jolqot talba għall-għoti ta' permess, liċenza, *warrant* jew ordni magħmula minn jew dwar persuna bħal dik;

Tqis li l-ħruġ ta' liċenza taħt ir-Regolamenti hija t-twettiq ta' setgħa li l-istess liġi tqiegħed f'idejn l-Awtorita' intimata[9] u għalhekk hija l-awtorita' li tista' tagħżel, fid-diskrezzjoni tagħha u fil-qafas tal-parametri stabiliti mir-regolamenti fis-seħħ, li tqis u taċċetta talbiet bħal dik magħmula mir-rikorrent u kif ukoll talbiet magħmula minn oħrajn għall-ftuħ ta' spiżeriji f'kull post f'Malta;

Tqis li, f'dan il-każ, ir-rikorrent jisħaq li jekk kemm-il darba l-Awtorita' intimata kellha tikkunsidra talbiet minn ħaddieħor għall-ftuħ ta' spiżeriji ġodda f'Marsaxlokk qabel ma l-kawża miftuħa minnu tkun inqatgħet, l-għoti ta' liċenza bħal dik lil ħaddieħor iġġib fix-xejn il-pretensjonijiet tiegħu ukoll kieku l-Qorti kellha taqta' l-kawża favurih;

Tqis li l-Awtorita' iddikjarat li kienet qiegħda tikkunsidra talbiet magħmula minn ħaddieħor għall-għoti ta' liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija ġdida f'Marsaxlokk u kienet tibqa' twettaq din is-setgħa tagħha fl-interess tal-komunita' u tas-saħħa pubblika in ġenerali, li kieku ma kienx għall-fatt li r-rikorrent nieda din il-proċedura;

---

[9] Reg. 2 tal-A.L. 334/04 (L.S. 458.39)

Tqis li l-liġi nnifisha tagħti li Mandat ta’ inibizzjoni jista’ jintalab u jinħareġ fejn parti tkun għadha mqar sejra tagħmel azzjoni quddiem qorti[10], u dan tgħoddu bħala jedd biżżejjed biex issir talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak. Il-liġi tagħti wkoll rimedju għal min jabbuża mill-ħruġ ta’ atti kawtelatorji[11], imma ma ċċaħħadx minn qabel li wieħed jinqeda minnhom b’qies u f’ħarsien tal-jedd tiegħu;

Tqis li, filwaqt li l-kawża miftuħa mir-rikorrent ma għandhiex tintuża biex toħloq sarima għall-Awtorita’ intimata fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha jew biex titmexxa bi tnikkir, hemm tabilħaqq jedd li r-rikorrent għandu biex jara li t-talba tiegħu ma tinġiebx fix-xejn. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, il-pretensjoni li dwarha jintalab il-ħruġ tal-Mandat diġa tinsab dedotta fil-kawża miftuħa ġimgħat qabel ma tressqet din il-proċedura kawtelatorja;

Tqis għalhekk, li, mad-daqqa t’għajn, ir-rikorrent għandu jedd li jistħoqqlu jitħares bil-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub u dan l-element jinsab soddisfatt;

Tqis ukoll li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat tirriżulta b’mod ċar, għaliex jekk kemm-il darba l-Awtorita’ intimata tgħaddi biex jagħti lil terza persuna liċenza għall-ftuħ ta’ spiżerija oħra f’Marsaxlokk, fl-istat attwali, tkun qiegħda tagħlaq il-bieb lir-rikorrent li, f’każ li jingħata raġun dwar it-talba tiegħu fil-kawża li huwa fetaħ, dan ma jkunx jista’ jseħħ minħabba l-liċenza li se’ tkun ingħatat lil tali terza persuna, ukoll kieku l-Awtorita’ tkun trid tagħmel dan favurih;

Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għamil li r-rikorrent irid iżomm lill-Awtorita’ intimata milli tkompli, il-Qorti ssib li dan l-element jirriżulta wkoll. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma’ l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta

[10] Ara art. 876(1) tal-Kap 12
[11] Art. 836(9) tal-Kap 12

tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa, mqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[12], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi f’dan il-każ, jekk kemm-il darba l-Awtorita’ intimata kellha, imqar jekk b’ħarsien strett ta’ dak li titlob il-liġi, tilqa’ talba mingħand ħaddieħor għall-ħruġ ta’ liċenza għal ftuħ ta’ spiżerija ġdida f’Marsaxlokk, il-pretensjonijiet tar-rikorrent jinġabu fix-xejn b’mod li ma jistax jissewwa;

Tqis li għalhekk dan l-element tal-ħtieġa tal-Mandat intwera b’mod tajjeb biżżejjed ukoll;

Tqis li, b’żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f’każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita’ pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[13] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma’ l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Tqis li, dwar l-ewwel element, l-Awtorita’ intimata stqarret li, kieku ma kienx għat-talba tar-rikorrent, kienet qiegħda tikkonsidra talbiet għall-ftuħ ta’ spiżerija oħra f’Marsaxlokk;

Tqis li, dwar it-tieni element, ukoll li bi tqabbil tal-ħsara li jġarrab ir-rikorrent li kieku t-talba tiegħu ma tintlaqax mal-ħsara li ġġarrab l-Awtorita’ intimata jekk kemm-il darba t-talba tintlaqa’ u sakemm it-talba

[12] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[13] Art. 873(3) tal-Kap 12

milqugħa tibqa’ sseħħ, dik imġarrba mir-rikorrent tkun wisq akbar. Huwa minnu li l-Awtorita’ intimata saħqet li ż-żamma ta’ ftuħ ta’ spiżerija oħra f’Marsaxlokk taf tħalli effetti fuq is-saħħa tal-pubbliku in ġenerali għal tul ta’ żmien. Madankollu, l-Qorti tqis ukoll, kif sewwa rilevat mill-għaref difensur tar-rikorrent, li l-qagħda ta’ spiżerija waħda f’Marsaxlokk ma nħalqitx minħabba l-proċedura mibdija minnu llum, iżda kienet ilha hekk snin twal bla ma kien hemm l-ebda inibizzjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti u minkejja t-talba li hu kien ilu li ressaq sa mill-1995;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ t-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Awtorita’ intimata ladarba ma jidhrux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-istess Awtorita’ tħallas l-**ispejjeż ta’ din il-proċedura**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------